MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Numru. 1111/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Tabone, ta` 56 sena, bin John u Giovanna nee` Calafato, imwieled Pieta` fil-11 ta` Lulju 1955, u li joqghod f`Toujours Eliffel, Triq G. Lebrun, Ibragg, Swieqi. Detentur tal-Karta ta` l-Identita` bin-numru 529555M.

Talli;

Fl-2010, f`dawn il-Gzejjer, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f`xi dokuemnt mahsub ghal xi awtorita`

pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

**1. Fatti tal-kaz fil-qosor;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat huwa nutar pubbliku, u bhala tali huwa ufficjal pubbliku skond it-termini u d-disposizzjonijiet tal-ligi maltija. Fit-12 ta’ Settembru 2010, hu kien mela d-dettalji ta’ zewg persuni fuq prokura tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali sabiex bl-istess formola l-persuna indikata bhala John Agius tkun tista’ tapplika ghal xi beneficcju jew pensjoni, jew tiehu xi flus, ghan-nom tal-persuna l-ohra, Salvina Muscat. Din il-prokura ttiehdet ghand id-Dipartiment f’Ottubru 2010 u minn dik id-data ‘l quddiem, Agius seta’ jsarraf cekkijiet tal-pensjoni ta’ Muscat, fost affarjiet ohra. Gara li xi qraba ta’ Muscat, mara anzjana rikoverata l-isptar Monte Carmeli, kienu ndunaw li hemm persuna mhux maghrufa minnhom qed issarraf ic-cekkijiet taghha. Minn investigazzjoni li saret mill-Pulizija, gie identifikat dan l-istess John Agius minn fuq il-prokura msemmija, u ghalhekk ittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu. Dan Agius allega li kien mar ghand in-nutar Tabone bil-prokura vojta, u mela d-dettalji ta’ Agius u ta’ Muscat u ta l-prokura lura lil Agius, minghajr ma’ qatt kien iltaqa’ mal-anzjana. Hu allega li l-anzjana ma kienetx

iffirmat il-prokura quddiem in-nutar, u ghalhekk id-dikjarazzjoni fl-ahhar tal-prokura setghet ma kienetx korretta. Ghalhekk il-Pulizija baghtet ghan-nutar u sussegwentement l-imputat tressaq fuq dawn l-akkuzi.

**2. Provi;**

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u dokumenti in sostenn tal-akkuzi mressqa minnha. Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur taghti d-dettalji kollha tal-kaz, u x'wassal ghal dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat. Hija qalet li kien sar rapport minn persuna qariba tal-anzjana Salvina Muscat, li kienet saret taf li z-zija taghha kienet qed ikollha c-cekkijiet tal-pensjoni taghha msarrfa minn persuna bl-isem ta' John Agius, minghajr ma hadd tal-familja ma kien jaf min hu dan l-individwu. F'dan iz-zmien, Muscat kienet rikoverata l-Isptar Monte Carmeli ghal perijodu temporanju. L-Ispettur Farrugia bdiet tinvestiga dan il-kaz mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, u rat li fil-fatt kien hemm numru ta' cekkijiet ta' Muscat hekk imsarrfa minn John Agius fuq perijodu bejn l-2010 u l-2011, f'ammont ta' flus totali ta' madwar elfejn u seba' mitt Ewro. L-Ispettur hadet kopja tal-prokura fejn Agius kien agent ta' Muscat, kellmet lil Agius u dan kien tressaq il-Qorti akkuzat bi frodi u ammetta dawn l-akkuzi, u kien irrifonda l-flus kollha lura lil Muscat. Il-prokura originali giet esebita f'dawn l-atti a fol. 15 tal-process, fejn jidhru l-firem tal-persuni kollha hemm indikati. L-Ispettur baghtet ukoll ghall-imputat u haditlu stqarrija fis-16 ta' Jannar 2012, li giet esebita a fol. 17 tal-process.

Xehed ukoll John Agius, li qal li kien ha formola ta' prokura minn ghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u mar ghand in-nutar Tabone biha sabiex fuqha jitnizzlu d-dettalji tieghu u ta' Salvina Muscat. Qal li kien hadha l-ufficju tan-nutar il-Belt, u n-nutar kien nizzel id-dettalji tieghu u ta' Muscat, u li kien ta l-prokura lura lilu sabiex jehodha ghand Muscat biex tiffirmahielu. Qal ukoll li kien hadha lil Muscat biex tiffirmaha, u b'hekk gie indikat bhala prokuratur taghha u kien sarraf numru ta' cekkijiet taghha.

Xehed Oswald Balzan, rappresentant tal-Isptar Monte Carmeli, li kkonferma li Salvina Muscat iddahhlet l-isptar f'April 2010 u nzammet hemm fit-taqsima tal-anzjani, mhux mal-pazjenti li jbatu minn mard mentali.

Xehed Carmelo Muscat, rappresentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li kkonferma li l-prokura esebita fl-atti a fol. 15 kienet fil-fatt l-istess prokura li d-Dipartiment kellu, u li permezz taghha John Agius kien prokuratur ta' Salvina Muscat. Hu spjega li b'effett ta' dik il-prokura, Agius seta' jsarraf hu c-cekkijiet tal-pensjoni ta' Muscat.

Xehed Paul Callus, nutar tal-gvern, li kkonferma li l-imputat huwa nutar pubbliku.

Xehdet ukoll mill-gdid l-Ispettur Farrugia, li esebiet is-sentenza li kienet inghatat fil-konfront tax-xhud John Agius meta gie akkuzat u ammetta r-reati ta' frodi, misapproprjazzjoni u dikjarazzjoni falza, a fol. 44 tal-process.

In difesa, xehed l-istess imputat, li qal li ma ftakarx id-dettalji ta' dan il-kaz, li kien gara kwazi tlitt snin ilu, peress illi f'sena wahda jaghmel madwar elf prokura. Hu qal li kien kompletament estraneju ghall-fati tal-kaz fejn kien involut John Agius, ghalkemm hu gharaf il-firma tieghu fuq il-prokura mertu ta' dawn il-proceduri. Qal li kienet baghtet ghalih l-Ispettur Yvonne Farrugia, u dak iz-zmien kien haseb li hi kienet riedet biss xi informazzjoni fuq terzi, bhal ma gieli kien gie mitlub minnu, izda inhasad meta gie infurmat li kien hu li qed jigi investigat. Hu qal ukoll li ghalkemm ma jiftakarx il-kaz, spjega kif solitament jahdem hu meta jkollu dawn it-tip ta' prokuri. Hu spjega ghalhekk li hu nizzel l-indirizz ta' fejn kienet rikoverata l-anzjana, u ma nizzelx ir-residenza taghha fuq il-prokura, ghax hu mar l-isptar biex tiffirmalu l-anzjana. Qal ukoll li qatt fis-snin kollha li hadem bhala nutar ma kien iffirma prokura in bjank, jigifieri fejn ma jkunx gabar il-firem tal-persuni hu stess. In kontro-ezami kkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja u li ffirma. Meta gie kkonfrontat bix-xiehda ta' Agius, l-imputat rega' nnega li kien iffirma l-prokura

minghajr il-firma ta’ Salvina Muscat, u nnega li kien ta dik il-prokura ffirmata minnu in bjank lil Agius. Qal li lil Agius kien aktarx rah darba biss meta gie l-ufficcju ghandu, u rega’ rah il-Qorti meta xehed f’din il-kawza. Qal ukoll li meta kien gie interrogat mill-Pulizija, hu kien gie muri kopja tal-prokura, u mhux l-originali. Sussegwentement kien ra l-originali meta din giet esebita f’dan il-process.

## 3. Kunsiderazzjonijiet fuq il-provi;

Mill-provi prodotti, jirrisulta li l-prokura saret mill-imputat. Id-dettalji tal-persuni hemm indikati mtlew minnu, u l-firma tieghu tindika li z-zewg persuni hemm imsemmija ffirmaw fil-presenza tieghu. Agius allega li Muscat ma ffirmatx quddiem in-nutar, izda hu ha l-prokura minn ghand l-istess nutar biex tiffirmaha Muscat. L-imputat, kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti, ma jiftakarx x’gara. Ghalhekk, f’dan ir-rigward, il-Qorti ghandha biss iz-zewg verzjonijiet konfiggenti ta’ Agius u tal-imputat, liema verzjonijiet m’ghandhom ebda evidenza ohra indizzjarja biex taghti aktar sahha lil wahda u mhux lil ohra.

Il-Qorti trid tikkonsidra, ghalhekk, dawn iz-zewg xenarji. Jekk il-firma ta’ Muscat saret fil-presenza tan-nutar, haga li l-istess imputat ma jiftakarx, allura l-kaz ghandu jieqaf hawn. X’ghamel Agius bil-prokura wiegeb ghaliha Agius stess meta tressaq kriminalment fuq frodi. Il-Prosekuzzjoni eskludiet li Agius kien miftiehem man-nutar b’xi mod, jew li n-nutar kiseb xi vantagg ghalih innifsu, f’din l-istorja. Allura, fit-tieni xenarju, jekk fl-aghar ipotesi ghad-difiza, il-firma ta’ Muscat ma saretx fil-presenza tan-nutar, u allura tkun verosimili l-versjoni ta’ Agius, in-nutar imputat f’din il-kawza, jista’ jinstab hati? Huwa proprju dan ix-xenarju li ghandu jigi esplorat f’din il-kawza.

## 4. Dispozizzjonijiet tal-ligi;

L-imputat qieghed iwiegeb ghal zewg imputazzjonijiet f'din il-kawza, wahda taht l-Artikolu 185 tal-Kap 9, u l-ohra taht l-Artikolu 188 tal-istess Kap. Taht l-Artikolu 185, l-imputat qed jigi akkuzat talli, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz. Taht l-Artikolu 188, hu gie akkuzat li, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f`xi dokuemnt mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz. Dawn iz-zewg reati nghataw bhala alternattiva wahda ghall-ohra, u ghalhekk ser jigu konsidrati t-tnejn.

**5. Gurisprudenza;**

Il-gurisprudenza fuq il-materja ta' falsifikazzjoni ssegwi lill-awturi taljani u d-dottrina taghhom, u hija kopjuza ferm. Hekk, per ezempju, gie riprodott fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, fil-kawza fl-ismijiet "Pul. V. Michael Carter", deciza fit-23 ta' April, 2001:

"Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu, 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Sammut** gie ritenut li fil-ligi taghna u fuq l-iskorta tad-dottrina kontinentali, il-falsifikazzjoni "***falz materjali, tista ssir sew billi jigu falsifikat dokument, kollu jew parti, kif wkoll billi jigi alterat d-dokument genwien.***"

Fi kliem iehor, **Sir Anthony Mamo** ***fl-appunti tieghu*** jghid:

"*Our Criminal Code like the models on which it was originally framed, does not give a general definition of forgery, only in respect of certain of the crimes of forgery of public and private writings it specifies the special ways in which the particular crimes may be committed. In two ways … may in general a forgery be committed; either by making in whole or in part a false document*

*(counterfoiling) or by* <u>*altering*</u> *a genuine document (Lecture in Criminal Law).*"

**"Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale*** *(para 135 of 1977 Ediz.)* jghid:

"*In genere il termine falso e' precisamente alla differenza tra non genuinita e non veridicita. Secondo l'insigne autore. Il falzo materiale si ha quando il documento non e' genuino, Il falzo ideologico allorche il documento e' bensi genuino ma non e'veridico perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero… Per alterazione si devono intendere le modificazioni di qualsiasi specie (agguinte, cancellate, ecc) che al documento autentico vengono apportate dopo le sue definitive formazioni.*"

**"Kenny** l-awtur ingliz fil-ktieb ***Outlines of Criminal Law*** pg. 239 jaghti definizzjoni tal-kelma falsifikazzjoni. Huwa jghid:

"*It has been stated that a document is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which is not. The simplest and most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing must tell a lie about itself.*"

"Skond **Glanville Williams** l-awtur fil-ktieb tieghu ***Textbook of Criminal Law*** taht il-Kapitolu 40 *Forgery* a fol 876 jghid illi huwa necessarju illi:

"*the maker must make the document 'in order that it may be used as genuine and secondly, there must be at least the intent to deceive.' The second requirement renders the first ortiose*".

"Huwa necessarju illi ghalhekk li l-imputat ikollu l-intenzjoni biex jiffalsifika id-dokument sabiex l-allegat vittma jemmen li d-dokument kien genwin. Illi ghalhekk irid jirrizulta d-dolo, <u>mera negligenza mhiex bizzejjed.</u>

“L-awtur taljan famus **Mirto** fil-ktieb tieghu ***La Falsita` in Atti*** f'pagna 467 jghid:

"*Il delitto di falsita` in atti si imputa soltanto a titolo di dolo. E` questa un assunto costante della dottrina e della pratica sin dalla antichita`, la quale aveva formulato il principio non nisi dolo mal falsum.*"

“Fil-hames lok, l-imputat gie akkuzat talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghall haddiehor f'xi doument mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

“Il-kelma '*xjentement*' hawnhekk tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. **Manzini** fil-fatt jaghti spiegazzjoni taz-zewg tipi ta' *mens rea* f'dan id-dolo. Huwa jsostni li:

"*il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto*",

filwaqt li:

"*dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad alri un danno.*"

“Illi ghal darb'ohra il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat ma jikkostitwix l-element ta' dan r-reat u cioe li xjentement ghadda taghrif falz u ghalhekk il-Qorti mhux ser tittratta fil-fond dwaru ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

“Illi dak li nghad dwar l-hames akkuza japplilka wkoll ghas-sitt akkuza u cioe ghal dak li hemm dispost fl-artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.”

Dan kollu gie riprodott minn dik is-sentenza ndikata. Ghalkemm il-fatti tal-kaz ta’ Carter m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-fatti ta’ dan il-kaz in esami, is-sentenza msemmija tant tat succinct tad-dottrina sostantiva li din il-Qorti hasset li ghandha tigi riprodotta hekk kif inghatat.

## 6. Kunsiderazzjonijiet ulterjuri;

Tajjeb ghalhekk li l-Qorti tislet dak li huwa applikabbli ghal dan il-kaz minn dak kollu kkwotat hawn fuq. Sabiex tirrisulta l-imputazzjoni taht l-Artikolu 185 tal-Kap 9, irid jigi ppruvat li l-prokura moghtija mill-imputat kienet bhala parti mid-dmir tieghu bhala ufficjal pubbliku. Id-difiza argumentat li, ghalkemm huwa minnu li l-imputat huwa effettivament ufficjal pubbliku, mhux kull att tieghu huwa hekk maghmul fid-dmirijiet tieghu. Hemm differenza bejn pubblikazzjoni ta' kuntratt jew testament, u awtentikazzjoni ta' prokura. Ta' l-ewwel huma fid-dmirijiet essenzjali ta' ufficcju ta' nutar, mentri tat-tieni jistghu jsiru minn ufficjali ohra. Ic-certifikazzjoni ta' firem fuq prokura m'hijiex parti mid-doveri essenzjali ta' nutar. Ghalkemm il-Qorti taqbel li dan m'huwiex parti mix-xoghol ta' nutar, madankollu dan ma jfissirx li nutar jista' ghalhekk jezimi ruhu mir-responsabbilta' li jerfa' bhala ufficjal pubbliku ladarba jaghzel li jaghti dan is-servizz. Il-fatt li ufficjal pubbliku bhal nutar jiccertifika l-identita' fuq firem maghmula quddiemu taghti aktar piz lid-dokument li hekk jintuza minn dipartiment pubbliku. Stabbilit dan, pero', id-difiza ghandha ragun tghid li l-fatti ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom taht dan l-Artikolu. Ghalhekk il-Qorti ser tikkonsidra l-elementi tal-Artikolu 188 tal-Kap 9.

Taht l-Artikolu 188, irid jigi stabbilit li l-agir tal-imputat kien doluz, jigifieri li xjentement ghamel dikjarazzjoni falza, u li din kienet intiza ghall-vantagg jew beneficcju tieghu jew ta' haddiehor. Mill-provi prodotti, dan gie eskluz kompletament mill-Prosekuzzjoni. L-impressjoni li din il-Qorti hadet tul din il-kawza kienet li, l-aktar li seta' gara, li n-nutar kien negligenti fl-ghoti tal-prokura lil Agius minghajr il-firma ta' Muscat, izda ma giex pruvat li dan sar b'xi hsieb ta' gwadann personali ghalih jew ghal haddiehor, a detriment ta' Muscat. Madankollu, anke din il-verzjoni ta' fatti m'hix qed tigi abbraccjata mill-Qorti. Ix-xiehda tal-imputat kienet kostanti u tirrefletti ezatt dak li, a tempo vergine, kien stqarr meta ttiehdet l-istqarrija tieghu

f'Jannar 2012. Ghalhekk il-Qorti tara li l-imputat huwa aktar kredibbli f'dak li qal minn dak li gie allegat minn Agius.

**7. Konkluzjoni;**

Illi ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq il-materja hawn riprodotta, sew taht l-Artikolu 185 kif ukoll taht l-Artikolu 188 tal-Kap 9, il-fatti ma jwasslux ghal sejbien ta' htija fl-imputat. Ghaldaqstant hija l-fehma tal-Qorti li l-imputat mhux hati ta' dawn ir-reati u ghandu jigi liberat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 185 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------